KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**25.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

25.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier
Vincent Bonello – Viċi Sindku

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**25.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 24 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament..

**25.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hemm skema ta' Community Inclusive Employment Scheme 2021. Huwa issuġerixxa li napplikaw għal-persuna full time biex tkun ta' għajnuna fuq barra, u oħra full time fl-uffiċju. Il-Kunsill sa jkun qiegħed iħallas il-bolla ta' dawn l-impjegati kif ukoll kwalunkwe ħin żejjed. Huwa issuġerixxa wkoll li nagħmlu talba biex is-sinjorina Brenda Mifsud li bħalissa hija part-time, tigi full time. Kunsill qabel unanimament.

25.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li sa issir laqgħa ma' l-Community Police fit-28 ta' Mejju għal dawk li xtaqu jattendu.

25.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-tender biex il-kunsill jikri premises ġie ipublikat u jagħlaq fil-31 ta' Mejju. Il-Kunsill approva il-bord ta evawazzjoni għal dan it-tender kif ukoll dawk futuri, is-Sinjur Daniel Bugeja bħala Chairman, Is-Sinjuri Christian Sammut, Efrem Buttigieg, u Adrian Mifsud bhala evalwaturi, kif ukolll aprova li waħda mis-segratarji ta' l-kunsill, skont iċ-ċirkustanzi tkun is-segretarja ta' l-bord.

25.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-bieb ta' l-ħġieġ għal-kunsill ġie ordnat u jkun lest madwar 5 ġimgħat oħra.

25.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill l-applikazzjoni għal l-iskema għal fondi; Proġetti fil-komunitajiet, mil-Aġenzija LESA, għal-Kameras fi' triq il-Kbira ġiet sottomessa.

25.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil-Kunsill li qed nirċiebu talbiet mil-għaqdiet biex issir reklam fuq il-kotba ta' l-festi jew flyers. Kunsill qabel li kunsill jagħmel ir-reklami.

25.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li it-tenders ta' restawr ta' l-istazzjon irridu jinħarġu mil-ġdid. Kunsill qabel li jsir dak li hu meħtieġ.

25.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa kunsill li bed t-tqassim ta' ikel u vouchers ta' tiswijja lil feeders ta' lqtates fil-Ħamrun.

25.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jsir programm wieħed biex naraw il-kameras kollha ta' l-kunsill. Kunsill qabel unanimament.

25.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm il-possibilta' li nimpjegaw xi studenti mil-MCAST għas-sajf bi żpiża ta' Elf euro kull student. Kunsill qabel unanimament li napplikaw biex nimpjegaw 2.

25.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li l-kamra ta' fuq issir il-board ta' l-kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li tinxtara l-għamara u apparat neċċesarju biex din issir board room ta' livell.

25.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li is-Sur Joseph Portelli jingħata ġieħ il-Ħamrun għal ħidma li qed jgħamel biex il-klabb ta' Ħamrun Spartant ikun ta' l-għola livell. Il-Kunsill qabel unanimament.

25.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm il-bżonn li parti min Triq San Gejtanu, tingħata isem ieħor minħabba li hemm xi bibien ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament li tisemma Triq Victor Tedesco.

25.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li l-pasaġġ bejn il-Ġnien Salvinu Spiteri u triq Kapillan Mifsud jitranġa flimkien ma' l-pavimentar ta' triq Kapillan Mifsud għal spiża ta' madwar €3700. Kunsill qabel unanimament.

25.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda 3 dissinji għal-mural ta' Ġnien Salvinu Spiteri. Kunsill qabel unanimament li jsir San Gorg Preca.

25.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li tinxtara powerwash li tiswa €972, biex inkunu nistghu nagħmlu tindif aħna huwa qal li hemm irħas imma din hija ditta tajba skont il-pariri li ħadna kif ukoll għanda 5 snin garanzija. Kunsill qabel unanimament.

25.03.17 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jinxtara laser printer għal front desk ta' l-kunsill għax li kellna ma' għadux jaħdem. Dan jiswa madwar €300. Kunsill qabel unanimament.

25.03.18 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li issir riċerka biex ikollna agreement ġdid dwar il-printer il-kbira wara li l-agreement skada. Kunsil lqabel unanimament.

25.03.19 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill l-agreement ma' Liċeo ġie fi' tmiemu u l-iskola qed titlob li jiġi mġedded għal 3 snin bi' ħlas ta €650 fis-sena, kif ukoll depożitu. Kunsill qabel unanimament.

25.03.20 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li rċevejna talba biex naraw hux sa norganizaw il-korsijiet ta' ECDL u Robototica. Kunsill qabel unanimament li għalissa ma jsirux korsijiet hekk.

25.03.21 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-kunsill li meta jibda ir-restawr ta' t-Torri jkun hemm bżonn li jinqalaw xi wires u jgħaddu min taħt il-bankina. Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol li hemm bżonn.

25.03.22 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li wasteserve qed iżommu il-waste collectors min li jiħdlu jarmu skart imħallat.

**25.04 Proġetti fil-Ħamrun**

25.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda il-pjanti proposti għaż-żona ta' Triq Qrejten ma' triq il-Fatati. Il-Kunsill qabel li jiġu preżentati lil Transport Malta u jekk jiġu aċettati tintbgħat ittra ta' informazzjoni lir-residenti ta' l-akwati.

25.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda il-pjanti proposti għaż-żona ta' quddiem il-Liċeo. Kunsill qabel li terġa tiġi diskussa iktar il-quddiem.

**25.05 Triq il-Kbira San Ġużepp**

25.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** inotta li rittratt fuq il-medja soċjali ta' Triq il-Kbira San Ġuzepp magħluqa għat-traffiku ħoloq sensazzjonijiet differenti. Huwa issuġerixxa li jsir studju biex naraw kwalunkwe possibilta ta' titjieb għal din it-triq. Huwa qal li mhux bilfors ikun hemm xi għeluq ta' t-triq, imma esperti jagħmlu survey li jkun jista jtina ideat ahjar. Kunsill qabel unanimament.

**25.06 Ċelebrazzjoni Hamrun Spartans**

25.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li l-klabb sa jkun qiegħed jibda iċ-ċelebrazzjonijiet mil-25 ta' Ġunju u sa' jingħataw it-tazza mil-MFA fl-1 ta' Lulju. Il-Kunsill ġie mitlub jikoordina l-armar ta' triq il-kbira San Ġużepp u triq Kapillan Mifsud. Għaldaqstant huwa issuġerixxa li nkellmu l-għaqdiet ta' l-armar. Fl-4 ta' Lulju il-klabb sa jkunu qed idduru il-każini biex imbgħadt jispiċaw il-kunsill għal ħabta ta' 1:00/2:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Klabb talab li juża sala ta' kunsill biex in-nies ikunu jistgħu jieħdu rittrat ma' t-tazza. Hemm pjan li issir quddies fiż-żewġ parocci.
Huwa qal li fil qrib sa jiġu installati it-3 fustuni ta' dawl bil-kelma Champions kif ukoll l-armar ta' l-kartapesta. Kunsill qabel unanimament li jikollabora kull fejn hemm bżonn.

**24.07 Applikazzjoni Fondi**

25.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa lil l-iskema għal fondi; Small Grant Scheme Application Form, Guidelines to Applicants, Excel Budget Breakdown and Gantt Chart - 2nd SGS Call co-funded by the Norwegian Funding Mechanism.
Tintuża għal Ħanut fi' Triq il-Kbira flok biex jiġi rinovat. Kunsill qabel unanimament.

25.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li hemm skema min ambjent Malta għat-tisbieħ ta l-pjazez. Huwa issuġerixxa li napplikaw għal-siġar u pjanti kif ukoll sistema ta' l-irrigazzjoni għaż-żewġ pjazzez prinċipali fil-Ħamrun. Kunsill qabel unanimament

**25.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

25.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2021.

**Il-Kunsillier Josef Cuschieri** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekondat il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**25.10 Ħwejjeġ Oħra**

25.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li l-Mobile App qed jitlob €1250 u €2 kuljum iżda sa jkun fija ħafna iktar informazzjoni u servizzi. Kunsill qabel unanimament.

25.10.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** talab li issir tindif ta' Pjazza Kapillan Mifsud. Huwa ġie informat li ħa jsir.

25.10.03 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li i l-Familja ta' l-mibkijja Sinjura Pace xtaqu li l-post imsemmi għalija jkun il-bandli l-ġdid ta' Pjazza San Pawl

25.10.04 Il-Kunsillier Carmen Borg informat lil Kunsill li rceviet ilmenti li it-trakkijiet li jiġbru l-iskart qed ikunu maħmuġin. Hija ġiet informata li sa' jiġi mitkellem il-kuntrattur

25.10.05 Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li issir Zebra Cross ohra fi' triq il-Kbira San Ġużepp. Hija ġiet informata li t-talba ha issir lil Transport Malta.

**25.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

25.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 11 ta' Mejju, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 22 ta' Ġunju, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv